# *San Ġorġ Preca*
# *Għaxar Snin Biss Qaddis!*



***Fr. Charles Buttigieg***

Fid-9 ta'Mejju l-Knisja tagħmel il-festa tal-qaddis Malti San Ġorġ Preca. San Ġorġ Preca ġie kkanonizzat proprju fit-3 ta' Ġunju, 2007, mill-Papa Benedittu XVI, eżattament għaxar snin ilu imma kulħadd jaf li dan il-qaddis ilu li hu qaddis fis-sema għaliex kien diġà qaddis fuq din l-art. Huwa waqqaf fil-gżejjer tagħna s-Soċjetà tad-Duttrina Kristjana fejn diversi soċji katekisti jgħallmu lit-tfal u lill-adolexxenti. Dun Ġorġ twieled fil-Belt Valletta nhar it-12 ta' Frar fl-1880 minn Vincenzo u Natalina Ceravolo. Ġie mgħammed fil-Parroċċa ta' Santa Marija ta' Portosalvo u San Duminku fis-17 ta' Frar. Irċieva s-sagramenti tal-Ewwel Tqarbina u tal-Konfermazzjoni fil-Parroċċa ta' San Gejtanu tal-Ħamrun. Kien tifel kwiet u umli ħafna. Meta kellu sbatax–il sena l-għalliem tiegħu tal-Liċeo Dun Ercole Mompalao għamillu din il-profezija: 'Preca int għad tikber u nies li jirrispettaw lil Alla jidħlu fil-familjarità miegħek u inti magħhom. Int għad issib xortik permezz tagħhom u huma għad isibu xortihom permezz tiegħek.' Huwa laħaq saċerdot fit-22 ta' Diċembru, 1906, u fl-1907 waqqaf is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija, il-M.U.S.E.U.M., li tirreferi għal-latin: 'Magister Utinam Sequatur Evangelium Universus Mundus', li bil-Malti tfisser: 'Mgħallem, li kien id-dinja kollha timxi fuq l-Evanġelju'. Il-laqgħat kienu jsiru f'dar numru 6, fi Triq Fra Diegu, il-Ħamrun. Huwa miet fis-26 ta' Lulju, 1962, il-Ħamis, fit-7.40pm f'Santa Venera fl-età ta' 82 sena. Il-funeral tiegħu sar is-Sibt, 28 ta' Lulju fil-Knisja Parrokkjali tal-Ħamrun immexxi mill-Isqof Galea.



L-istorja tal-MUSEUM bdiet meta xi żgħażagħ immexxija minn Eugenio Borg, kienu jiltaqgħu ta' kuljum quddiem il-knisja tal-Ħamrun u Dun Ġorġ biex jitħabbeb magħhom kien talabhom taparsi sigarett u beda jkellimhom dwar Ġesù. Huma bdew jiltaqgħu miegħu ta' kuljum għall-ewwel ġewwa għalqa imma din l-opra tal-ħniena kbira mibdija minn dan is-saċerdot novell baqgħet tikber u llum il-MUSEUM hu mxerred fil-kontinenti kollha tad-dinja, eżattament fl-Awstralja, fil-Kenja, fis-Sudan, fl-Ingilterra, fil-Polonja, fl-Albanija, fil-Perù u f'Kuba. Żgur li kien it-tiġdid tal-Papa San Piju X li kien ħeġġeġ fuq kollox it-tagħlim tal-katekizmu u tad-duttrina lit-tfal fil-parroċċi u ried li jitwaqqfu għaqdiet tad-Duttrina Nisranija kif wera fl-Enċiklika tiegħu bl-isem 'Acerbonimis' tat-15 ta' April 1905, li żgur li nebbaħa lil San Gorġ Preca biex iwaqqaf is-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija fil-gżejjer tagħna sentejn biss wara. Fil-fatt huwa kien semma s-soċjetà tiegħu: 'Societas Papidum et Papidisssarum' u għalhekk b'rabta mal-Papa, ried li s-soċji tiegħu kemm irġiel kif ukoll nisa jilbsu fuqhom 'badge' bil-kelmiet 'Verbum Dei caro factum est!'.

Huwa kien iddikkjarat Venerabbli fit-28 ta' Ġunju, 1999. Sar Beatu fid-9 ta' Mejju, 2001, flimkien ma' Adeodata Pisani u Nazju Falzon mill-Papa San Ġwanni Pawlu II. Huwa jgħid li kien bl-interċessjoni ta' San Ġużepp li huwa kiseb il-fejqan mirakuluż meta marad serjament bħala djaknu qabel ma kellu jilħaq saċerdot fl-1906. Għalkemm kien tilef l-użu ta' wieħed mill-pulmuni huwa baqa' ħaj b'mod mirakoluż. Huwa kien iħobb jgħid li kien San Ġużepp li kien reġa' tah saħħtu lura.

San Ġorġ Preca ħalla diversi kitbiet u talb bi spiritwalità profonda. Huwa qaddis li fuq kollox jgħallimna dwar il-ħniena li mbuttatu biex jgħallem lit-tfal it-tagħlim nisrani: «Tgħallmu minni, għax jien għandi qalbi ħelwa u umli»(Mattew 11:29). Fil-fatt fl-1910 kellu l-viżjoni famuża ta' Ġesù Bambin ħdejn is-Salib tal-Marsa fejn jara tifel ta' tnax-il sena li kien Ġesù jimbotta karretta mimlija demel u t-tfajjel jitolbu bil-ħniena biex jgħinu. Hawnhekk Dun Ġorġ fehem il-ħidma tiegħu fil-għalqa tal-Mulej. Rigward din it-tema huwa għandu ħafna kotba, imma hawnhekk insemmi żewġ kitbiet interessanti bl-isem: 'Ittra Popolari fuq il-Manswetudni' tal-1924, u 'L-iskola tal-Manswetudni' tal-1950 fejn jikteb 'Aħfer minn qalbek u n-nida tal-grazzja mis-sema tinżel fuqek'. Kitbiet oħra b'rabta mal-ħniena huma: 'Il-Ktieb il-Kbir', 'L-Isptar ta' Kristu', u 'Ftuħ il-Qalb'.



San Ġorġ Preca jgħallimna fuq kollox kif għandna ngħixu l-opri tal-ħniena, fejn għandna sebgħa li jmissu l-ġisem li huma: itma' lil min hu bil-ġuħ, isqi li min hu bil-għatx, libbes lil min hu għarwien, ilqa' lill-barrani u lil min hu bla dar, żur il-morda, żur il-ħabsin u idfen il-mejtin u sebgħa li jmissu lir-ruħ li huma: agħti parir tajjeb lill-ħosbenin, għallem li min ma jafx, widdeb lill-midinbin, farraġ lill-imnikktin, aħfer il-ħtijiet, ħu sabar b'min idejqek u itlob lil Alla għall-ħajjin u għall-mejtin. Dan huwa li għandna nagħmlu matul din is-sena: "Ħennu, bħalma hu ħanin Missierkom" (Luqa 6:36). Ejjew aħna wkoll nimitaw lil dan il-qaddis tagħna Malti fl-imħabba lejn l-opri tal-ħniena speċjalment li tgħallem lil min ma jafx u li tagħti pariri tajba, għaliex kif jgħid San Gorġ Preca: 'It-tagħlim hu l-għajn ta' kull ġid'.

110
1907-2017